

# Is-Sbuħija ta' Marija Immakulata fil-Kwadru Titulari Tagħha

**Minn Gilbert Buhagiar**

Hekk kif wieħed jidħol fil-knisja Kolleġġjata, Parrokkjali u Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-belt Kospikwa, mill-ewwel jilmaħ ix-xbieha għażiża ta' Marija Immakulata meqjuma b'għożża kbira fil-kwadru titulari tagħha li jinsab fil-kor. Dan il-kwadru ġie inkurunat solennement, nhar il-25 ta' Ġunju tas-sena 1905 mill-Kardinal Domenico Ferrata rappreżentant tal-Papa Piju X; fl-okkażjoni tal-50 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Konċepiment Immakulat tal-Madonna mill-Papa Piju IX.

Il-kwadru ta' Marija Immakulata, tpitter fis-sena 1828 mill-pittur Pietru Pawl Caruana. Dan il-kwadru sar fuq il-ħsieb u l-ispirazzjoni ta' Mons. Ludovik Mifsud Tommasi, Bormliż li kien devot kbir tal-Madonna u meqjus bħala l-poeta teologu ta' Bormla. Fl-1835, fin-naħa t'isfel tal-kwadru, żdiedet l-arma ta' Mifsud Tommasi, minħabba l-fatt li rregala dan il-kwadru l-ġdid lill-Kolleġġjata ta' Bormla. Il-kwadru tal-pittur Caruana ħa post il-kwadru l-antik, li kien tpitter fis-sena 1759 mill-pittur Karlu Gimach. Il-kwadru l-ġdid ta' Marija Immakulata ġie mqiegħed fil-kor 22 sena wara, nhar id-19 ta' Novembru tas-sena 1850. Dan il-kwadru huwa meqjus bħala kwadru profetiku, minħabba l-fatt li l-kuluri tal-ilbies li bihom il-pittur Caruana pitter il-libsa tal-Madonna, jaqblu eżatt max-xhieda li Santa Bernardette tat fis-sena 1858, dwar il-lewn tal-ilbies li bihom il-Madonna dejjem dehritilha fil-grotta ta' Massabielle: libsa bajda b'faxxa kaħla twila.

Malli wieħed jitfa' ħarstu fuq dan il-kwadru mill-ewwel jinduna li l-pittur Caruana pitter figura mill-isbaħ u kollha ħajja tal-Verġni Marija. Tant hu hekk li l-mod li bih pinġa lill-Madonna, il-pittur qisu ried juri li bil-pass tagħha 'l quddiem il-Madonna bħal qisha trid toħroġ mill-kwadru u tiġi fostna. Dan il-kwadru hu fuq kollox pittura Teoloġika tal-Madonna, li fiha hemm rifless il-pjan ta' Alla għall-Madonna. L-ewwel impressjoni li nieħdu hekk kif inħarsu lejn din ix-xbieha hi, li Marija Santissima hija

l-għaxqa tas-Santissima Trinità. L-id ta' Alla mpoġġija fuq ras il-Verġni Marija, turi li sa minn dejjem Alla għażel lil Marija u fuqha xeħet il-grazzji tiegħu. Hekk bl-istess mod, l-id ta' Alla tidher tinfetaħ b'sinjal ta' protezzjoni fuq dik li kellha tkun meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub. F'idejh ix-xellugija Alla jidher iżomm kuruna tal-ward, simbolu tal-misteri tar-Rużarju Mqaddes. Madwar il-figura ta' Alla, wieħed jilmaħ seba' serafini li fuq rashom hemm ilsna tan-nar bħala simbolu tas-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu, li simbolikament jidher f'forma ta' ħamiema jittajjar f'dawl trasparenti fuq in-naħa ta' fuq tal-pittura, bħal donnu qiegħed idawwal u jifrex fuq Marija d-doni tiegħu. L-iben, il-Verb Divin huwa rrappreżentat permezz ta' tfajjel li qiegħed jitbissem fuq in-naħa tal-lemin ta' ommu u jħares lejn dik li kellha tkun l-omm imbierka tiegħu. Madwar il-figura ta' Marija u ta' Alla l-Missier, naraw is-simboli tal-erba' Evanġelisti: Ajkla (San Ġwann), Iljun (San Mark), Anġlu (San Mattew) u Għoġol (San Luqa).

F'dan il-kwadru l-figura ta' Marija tidher titlob b'idejha marbutin fuq ġufha; fejn ikkonċepiet lil Alla magħmul bniedem bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Hi bħal donnha qiegħda trodd ħajr 'l Alla ta' dak kollu li kellu jagħmel fil-ħajja tagħha. Il-kuruna tal-kwiekeb imdawra ma' rasha u l-qamar taħt riġlejha, ifakkruna fid-dehra li San Ġwann kellu u li tagħha jagħti deskrizzjoni tajjeb fil-ktieb tal-Apokalissi: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha" (Apk 12, 1).

Il-libsa l-bajda li biha hija mlibbsa l-Madonna, tfakkarna fil-Konċepiment Immakulat u fil-Verġinità dejjiema tagħha. Il-faxxa l-kaħla li għandha mal-libsa, mhux biss turina li l-Madonna tappartjeni l-ġenna fejn hemm tinsab issaltan ma' binha Ġesù, imma hija wkoll is-Sultana tal-ħolqien kollu. Bir-riġel determinat tagħha l-Madonna qiegħda tgħaffeġ ras is-serpent; hi li ħarġet rebbieħa fuq id-dnub u fuq il-ħażen kollu tiegħu. L-anġlu li f'idejh qiegħed iżomm ġilju u jserraħ fuq is-sħab irid ifakkarna f'verità kbira: Marija Immakulata hija xempju tas-safa u tal-qdusija. F'dan il-kwadru, Marija tiffissa l-ħarsa tagħha lejn Adam u Eva li jidhru ħerġin mill-ġenna tal-art, minħabba d-dnub li wettqu għalihom u għall-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Il-ħarsa ta' Marija, hija ħarsa kollha kemm hi ħniena u mimlija tama li binha għad jegħleb darba għal dejjem il-qawwa tal-ħażen. L-anġli li hemm imdawrin madwar Marija Immakulata, bħal donnhom qegħdin jiffissaw għajnejhom fuqha u jistagħġbu bis-sbuħija tagħha: sbuħija li bħalha qatt ma kienu raw u lanqas se jaraw!


L-Immakulata Kunċizzjoni
Patruna Speċjali tal-Belt Cospicua

Il-pittur Caruana rnexxielu jagħmel kapolavur mill-isbaħ u li b'kapaċità kbira ġabar il-privileġġi kollha li bihom hija mżejna l-Madonna. Nistgħu ngħidu li d-dommi tal-Madonna huma kollha miġbura f'din il-pittura hekk devota: il-Maternità Divina; il-Konċepiment Immakulat; il-Verġinità Dejjiema u t-Tlugħ Glorjuż tagħha fis-sema huma kollha riflessi f'dan il-kwadru. Issa li dan il-kwadru ġie rrestawrat mill-ġdid, nistgħu ngawdu dan il-ġmiel fis-sbuħija kollha tiegħu.

Bosta kienu dawk li baqgħu msaħħrin bis-sbuħija ta' dan il-kwadru, insemmi lil San Ġorġ Preca li ta' spiss kien jinżel Bormla jitlob quddiem din ix-xbieha hekk devota. Fis-sena 1955, meta f'Bormla ġie mfakkar il-ħamsin anniversarju tal-Inkurunazzjoni ta' dan il-kwadru, għal dawn il-festi ġie mistieden il-Kardinal Federico Tedeschini li f'dak iż-żmien kien l-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Pietru ġewwa Ruma. F'isem il-Papa Piju XII, Il-Kardinal Tedeschini poġġa stellarju prezzjuż madwar ir-ras għażiża tal-Madonna nhar il-25 ta' Lulju tal-istess sena, 1955. B'hekk Ruma permezz ta' żewġ Digrieti, kien inkurunat solennement għal darbtejn il-kwadru titulari ta' Marija Immakulata, ġewwa l-belt Kospikwa.

Fit-2 ta' Lulju tas-sena 1959, il-Kardinal Tedeschini kien inkuruna wkoll il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Grazzji, li tinsab meqjuma fil-knisja ta' San Giovanni Rotondo (fil-knisja fejn kien iqaddes San Piju ta' Pjetrelċina) ġewwa Foġġja, l-Italja. Nagħlaq din il-kitba, billi nagħmel referenza għad-diskors imqanqal li l-Kardinal Tedeschini għamel dwar ix-xbieha tal-Madonna meqjuma fis-Santwarju tagħha ġewwa Bormla. Tant baqa' msaħħar bis-sbuħija ta' Marija, kemm fil-kwadru kif ukoll bl-istatwa devota tal-Madonna, li jmur jgħid li sbuħija bħal dak kien għadu qatt ma ra:

"Intom għandkom pitturi li għarfu jwettqu bil-kuluri l-ħsieb tagħhom aktar minn pitturi oħra. Oh, li kont nafhom! kont forsi ngħid li huma ġew mill-ġenna il-għaliex għarfu jpinġu din il-Madonna bi sbuħija li qatt ma rajt bħalha. Dak il-kwadru li jiena inkurunajt tmient ijiem ilu, dik l-istatwa li jiena ammirajt kif dħalt f'dan it-tempju, huma għaġeb tas-sema; ħadd ma għaraf jesprimi dak il-wiċċ ħelu tal-Madonna, kif għamlu l-pitturi tagħkom Maltin: l-anġli, iva jafu jagħmlu hekk, imma aħna le. San Luqa pinġa, iva, il-Madonna, imma dawn il-pitturi tagħkom huma aqwa minn ta' S. Luqa. Tidher id ta' pittur Malti ispirat mnalla. Jiena qed naraha u nibqa' mistagħġeb kif intom, Maltin, stajtu timmaġinawha u tipproduċu Madonna hekk sabiħa".

## Referenzi


Gatt Joseph R. "Il-Kardinal Federico Tedeschino (1871-1959) r-Rabta Tiegħu ma' Bormla", Mitt Sena Inkurunata f'Qalbna, Programm tal-Festi Speċjali f'Għeluq il-Mitt Sena tal-Inkurunazzjoni ta' Marija Immakulata Meqjuma fis-Santwarju Tagħha ġewwa l-Belt ta' Bormla, 2005, p. 47.

Muscat, Giov. Tifkira tal-Festi Ċentinarji (1854-1954) u Ċinkwantenarji (1905-1955) li saru fil-Belt Cospicua, Malta, 1955, pp. 88-89.

Muscat, Giov. Żvilupp tal-Qima lejn Marija Verġni Immakulata f'Bormla, Malta, 1949, pp. 51-53.

Nessuno, J. Il-Kwadru Teoloġiku tal-'Immakulata Konċezzjoni' fil-Knisja Kolleġġjata u Parrokkjali ta' Bormla, Malta, 1958, pp. 5-8.



PRIME BUTCHER

34, Triq San Ġorġ, Bormla

Tel: 2169 2415 Mob: 9986 8502

Notre Réve

Unisex Hair, Nails & Beauty Parlour

by Daniela & Vanessa

127, Hompesch Road, Fgura

Landline: 2713 9175

Daniela: 7900 2548

Vanessa: 9949 5081



Notre Réve Unisex Hair, Nails & Beauty